MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2008

Rikors Numru. 784/2006

**IKLIN LIMITED**

**vs**

Nutar Dottor Mark Anthony **SAMMUT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-10 ta’ Awwissu, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent Nutar Mark Anthony Sammut (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutat”) talab li din il-Qorti tħassar il-Mandat kawtelatorju ta’ Inibizzjoni maħruġ kontrih mill-intimata Iklin Limited (aktar ’il quddiem imsejħa l-“eżekutanti”) fis-27 ta’ April, 2006, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(b)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta’ Settembru, 2006, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tat-18 ta’ Ottubru, 2006;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti waqt is-smigħ tat-18 ta’ Ottubru, 2006, li biha laqgħet għat-talba tal-eżekutat billi ċaħdet li hija ħarġet il-Mandat b’mod malizzjuż jew li ma kienx hemm raġunijiet tajbin biex titlob il-ħruġ tiegħu fil-konfront tal-eżekutat. Iżżid tgħid li l-ebda waħda mill-kawżali msemmija mill-eżekutat ma jirriżultaw, u għalhekk m’hemmx raġuni tajba biex il-Mandat jitħassar;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa mill-eżekutanti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta’ Diċembru, 2006, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ir-rikorrent jrid li jitneħħew l-effetti ta’ Mandat kawtelatorju ta’ Inibizzjoni maħruġ kontrih mill-eżektanti fis-27 ta’ April, 2006, biex iħares pretensjoni ta’ danni li l-eżekutanti ressqet permezz ta’ kawża[1] miftuħa fit-30 ta’ Marzu, 2006;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrent huma: (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m’għadhiex fil-fatt teżisti; (b) li l-ammont mitlub fil-Mandat mhux *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv; u (ċ) li fiċ-ċirkostanzi, m’huwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa’ fis-seħħ;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie*

[1] Ċitazz. Nru. 277/06JRM

u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[2]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ fuq sehem maqsum minn appartament f'numru 215, Triq L-Ifran, Valletta, dwar "sorti" ta' Lm 38,000[3] u b'kawżali li tgħid li dik is-somma tirrappreżenta "pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti kontra l-intimat, liema pretensjoni r-rikorrenti ġja' iddeduċietha f'kawża fl-ismijiet hawn fuq ċitati ...". Tali pretensjonijiet joħorġu minn kuntratt nutarili ippubblikat mill-eżekutat fid-19 ta' Marzu, 2002, dwar bejgħ ta' post f'Ħaż-Żebbuġ, u x-xiljiet ta' responsabbilta' professjonali li l-eżekutanti ssemmi fir-rigward tal-eżekutat b'rabta ma' għadd ta' problemi li nħolqu wara li kien sar dak il-kuntratt;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrenti jsejjes it-talba tiegħu. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[4];

Illi r-rikorrenti jsemmi tliet kawżali li dwarhom jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa:

A) Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti [Art. 836(1)(b)]. Din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess

---

[2] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[3] Li jġibu € 88,516.20 fi flus tal-lum
[4] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[5]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li l-eżekutat jilminta mill-fatt li l-eżekutanti ma kellha l-ebda jedd titlob il-ħruġ tal-Mandat, ladarba, xi għaxar xhur qabel, kienet laħqet arranġament mal-bejjiegħa tal-post għas-saldu tal-pretensjonijiet ta' bejniethom[6]. Dan l-argument ma jidhirx li, fil-fażi tal-proċedura *prima facie*, jista' jintlaqa'. L-imsemmi ftehim seħħ wara li, b'sentenza[7], l-kuntratt tal-bejgħ tqies li ma kienx jgħodd; sadattant, billi fil-post kienu saru xi spejjeż u daħlu joqogħdu fih xi qraba tad-direttur tal-eżekutanti, kienu saru arranġamenti mal-bejiegħ u ma' rappreżentant ta' martu sewwasew biex jikkumpensawhom ħalli l-post ma jittiħidx mingħand l-istess eżekutanti. Il-fatt li l-partijiet kienu qalu li ma kellhomx l-ebda pretensjonijiet kontra xulxin, ma jfissirx li l-flejjes li l-eżekutanti tgħid li ħallset lill-bejjiegħa ma kinux spejjeż ta' "fidwa" biex il-post ma jintilifx. Huma dawn il-flus li jirrappreżentaw is-"sorte" tal-Mandat. Minbarra dan, ir-rikorrent ma ta l-ebda raġuni għaliex iqis li, minn **wara li nħareġ il-Mandat**, inħolqot raġuni ġdida li biha l-ħtieġa tiegħu m'għadhiex teżisti;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux juriha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

---

[5] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***
[6] Dokti "IL4" u "IL5", f'paġġ. 17 sa 24 tal-atti
[7] Mogħtija fl-10 ta' Ottubru, 2003, fl-atti tal-kawża Ċitazz. Nru. 1149/02JA (mhix appellata)

B) L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv [Art. 836(1)(d)]. Din il-kawżali jidher li tkompli tibni fuq l-argument ta' qabel tal-eżekutati;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li, f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[8];

Illi l-pretensjoni tad-danni li l-eżekutanti tgħid li ġarrbet għal dawk li ssejħilhom nuqqas professjonali tal-eżekutat tinbena fuq dak li jidher li l-istess intimata eżekutanti ħallset lil mart il-bejjiegħ biex din ma tinsistix għall-esekuzzjoni tas-sentenza li biha l-kuntratt ta' bejgħ tqies li ma jiswiex. L-eżekutanti tqis li, kieku l-affarijiet saru sewwa, ma kienx ikollha għalfejn tħallas dik is-somma (b'żieda mas-somma mħallsa fuq il-kuntratt) biex il-post ma jintilifx. Għalhekk, hija tqishom bħala d-danni li għalihom irid iwieġeb l-eżekutat li (dejjem fil-ħsieb tal-eżekutanti) naqas li jwettaq sewwa r-responsabbilta' professjonali tiegħu qabel ma ippubblika l-kuntratt;

Illi fil-fehma tal-Qorti (u bla ma bl-ebda mod tagħti l-fehma tagħha dwar in-negozji li saru bejn l-eżekutanti u t-terzi bla ma kien involut l-eżekutat) l-ammont imsemmi mill-eżekutanti fil-Mandat la jidher li huwa irraġonevoli u lanqas eċċessiv;

[8] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

Illi għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrenti fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

Ċ) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, r-rikorrent ma jżid l-ebda sottomissjoni oħra, għalkemm f'banda oħra tar-rikors jidher li jqis li l-Mandat inħareġ mill-eżekutanti b'ħażen;

Illi f'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, din il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhiex jedd għall-ħlas tad-danni minnha pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[9]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimata eżekutanti;

Illi f'dan l-istadju tal-proċedura, l-Qorti ma tistax toqgħod fuq l-allegazzjonijiet tal-eżekutat. Jekk tagħmel hekk, tkun qegħda impliċitament tilqa' l-kontestazzjoni fil-mertu tal-kwestjoni li issa tinsab quddiem il-Qorti biex tiddeċidiha. Fit-tieni lok, fin-nuqqas ta' kull prova oħra, ma jidhirx irraġonevoli li l-eżekutanta tippretendi s-somma msemmija fil-Mandat bħala rifużjoni ta' dak li tallega li għandu jingħatalha lura wara li kellha tidħol fi spejjeż akbar biex ma titlifx il-post. Għalhekk din il-Qorti ssib li m'hemm xejn irraġonevoli, inġustifikat jew mhux meħtieġ li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi fuq dan il-mottiv ukoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrenti ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti eżekutat billi:

---

[9] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

**Tiċħad it-talba** tiegħu għat-tħassir tal-Mandat billi r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem ma jirriżultawx mistħoqqa. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent eżekutat.

Mogħti kameralment illum, il-15 ta' Settembru, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------